


*Tfal Għajnselmiżi jkantaw innijiet tal-Milied*

# Mons Isqof għalaq in-Novena tal-Milied f'Għajnsielem

Mons. Isqof Mario Grech nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru, 2007, fl-10.00 ta' filgħodu, għalaq in-novena tal-Milied għas-sena 2007, fil-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem, b'konċelebrazzjoni flimkien ma' l-Arċipriet Emeritus, Mons. Ġużeppi Zerafa u Dun Emanuel Magro, mgħejjun minn Dun Joe Cardona, Viċi Parrokku tal-Parroċċa msemmija.

F'din l-okkażjoni t-tfal tal-parroċċa kantaw diversi għanjiet tal-Milied. Mons. Isqof għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni.

Lejn tmiem il-quddiesa, Mons. Isqof bierek il-Bambini u l-grotti li ħadu magħhom it-tfal għall-okkażjoni.

Il-kant tal-quddiesa kien animat mill-Kor Lauretana, taħt id-direzzjoni ta' Lelio Spiteri.



*Mons. Isqof Grech jiggosta lit-tfajjel Marvic Bonello, jixgħel ix-xemgħa ta' l-aħħar Ħadd ta' l-Avvent*

Sadattant fl-istess Knisja Arċipretali, iddedikata lill-Madonna ta' Loreto, twaqqfet Siġra tal-Karità, bi skop li taħtha jinġabru oġġetti ta' ikel u tad-dar għad-Dar ta' Lourdes; flus għall-missjunarju Għawdxi Dun Anton Grech, li qed iwettaq ħidma missjunarja fil-Gwatemala kif ukoll bolli wżati għall-Grupp Support lill-Missjunarji Għawdxin.

# Wirja tal-Presepji

F'waħda miż-żewġ swali tal-Wirjiet, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn il-15 ta' Diċembru, 2007 u l-1 ta' Jannar, 2008, ittellgħet it-23 Wirja Annwali tal-Presepji mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex, Malta.

Il-Wirja fetħet uffiċjalment is-Sibt, 15 ta' Diċembru, fil-għaxija, mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni l-Ministru Debono qalet li f'dan il-post, matul is-sena jsiru bosta wirjiet, iżda dik dwar il-Presepju hija waħda mill-isbaħ u dejjem mistennija u turi b'mod ċar it-twemmin u l-folklor tal-poplu Malti.

Il-Wirja tbierket minn Mons Isqof Mario Grech li f'messaġġ qasir esprima x-xewqa tiegħu li minn presepji statiċi u mekkaniċi, "... ninbidlu f'presepji ħajjin li nġorru lil Kristu kulfejn immorru..'' Huwa radd ħajr lill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju għal din l-inizjattiva annwali u ħeġġeġ biex il-Presepju jissokta jidħol fil-familja għax dan huwa l-qofol tal-Milied nisrani.



*Claire Galea, ta' tmien snin mir-Rabat, Għawdex, l-iżgħar parteċipanta fil-wirja tal-Presepji u Grotti ta' din is-sena, tiġi mfaħħra għax-xogħol esebit tagħha minn Mons. Isqof Mario Grech.*

Il-President ta' l-Għaqda Joe Galea radd ħajr lill-membri li tant jaħdmu matul is-sena kollha u jiddedikaw ħafna mill-ħin tagħhom għal laqgħat kif ukoll lill-esebituri kollha tal-Wirja u wera t-tama li din l-attività tkompli tikber fis-snin li ġejjin.

Imbagħad kemm il-Ministru Debono kif ukoll Mons. Isqof Grech iltaqgħu ma' diversi membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, li kienu preżenti u tkellmu magħhom fuq ix-xogħol esebit.

Kien hemm mal-mitt presepju esebit, xogħol artistiku magħmul minn materjal differenti, fosthom injam, ħġieġ, kartapesta, terrakotta u pasturi magħmula bl-idejn mit-tafal lokali. Apparti t-tliet mitt Santa ta' Ġesù Bambin, ta' Anthony Grech mix-Xewkija.

Iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-Wirja tmexxiet mill-Kavallier Joe M. Attard, li hu wkoll l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi ta' l-imsemmija Għaqda tal-Presepju.



*Paul Cassar, mir-Rabat, Għawdex, student ta' l-ewwel sena fil-kors tal-baċellerat ta' l-arti fl-Università ta' Malta, jidher jitkellem ma' Mons. Isqof Grech dwar il-pittura tiegħu "Madonna and Child" xogħol biż-żejt fuq it-tila.*

**AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri**





*Tfal iħabbru t-twelid ta' Ġesù. Jidhru mix-xellug għal-lemin, Maria Tereza Camilleri (fil-parti tal-Madonna) Claire Attard (fil-parti ta' l-Anġlu Gabriel) u Matthew Zammit (fil-parti ta' San Ġużepp).*

# Servizz ta' Għana tal-Milied

Il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex, Għaqda ta' Lajċi Kattoliċi, għandha diversi sotto-kumitati li jieħdu ħsieb l-attivitajiet tagħha. Sotto-kumitat minn dawn, in-*Non-Maltese Residents Committee*, nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru, 2007, organizza serata ta' Għanjiet tal-Milied fil-Knisja Rotunda ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija.

Din kienet tikkonsisti fil-qari ta' disa' Lezzjonijiet mit-Testment il-Ġdid u mill-Qadim u l-Kant ta' disa' Għanjiet tal-Milied bl-Ingliż u bil-Malti. Dawn kollha kellhom x'jaqsmu mat-Tħabbira u n-Nattività tal-Messija. Waħda mill-qarrejja kienet L-Avukatessa Monica Vella, is-Sindku tax-Xewkija, li wara l-attività, il-Kunsill Lokali tagħha offra riċeviment lil dawk preżenti, fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-lokal.

L-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca laqa' l-udjenza internazzjonali b'diskors ta' merħba u mbagħad kien hemm żewġ messaġġi oħra, wieħed minn Dun Manwel Magro li ħa post l-Isqof Mario Grech li ma kienx possibbli għalih li jattendi minħabba mpenji oħra, u l-ieħor mill-Kappillan tal-Komunità Anglikana, Fr. Jeff Williams. Dawn it-tnejn




*Is-Sindku tax-Xewkija, l-Avukatessa Monica Vella*

urew kemm Alla ħabb l-umanità meta bagħat lil Ibnu Ġesù Kristu fid-dinja biex jifdi lill-bnedmin. It-tnejn taw messaġġ ta' Paċi u l-Isbaħ Xewqat tal-Istaġun lil kulħadd.

Għadd ta' tfal b'kostumi ta' Anġli, Rgħajja, il-Madonna, San Ġużepp u l-Bambin ippreżentaw xeni mit-Tħabbira ta' l-Anġlu sat-Twelid ta' Ġesù, waqt li l-Kor tal-lokal Vox Clamantis, immexxi minn Dun Ġorġ Mercieca, bl-organista, Ms. Marthese Borg, ferraħ lil dawk preżenti bil-kant tiegħu. Ħafna drabi l-udjenza ngħaqdet mal-Kor fil-kant tal-Carols.

Café VALLETTA
Licenced Restaurant
12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466
Trading: 6.30am to 4.00pm
Monday to Friday except Public Holidays
Varied Menus for Eat-in, Take-away, Corporate Catering and Private Functions
Private functions for groups of 20 up to 60 persons featuring typical Maltese food may be pre-booked 7 nights a week and at lunchtime on Saturdays, Sundays and Public Holidays.
Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page